MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2009

Talba Numru. 86/2009

**Paul Farrugia et**

**Vs**

**Anabelle Camilleri Monreal**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi li gie pprezentat fit-2 ta` Frar, 2009 fejn intalab sabiex il-konvenuta tigi kkundannata thallas lil atturi s-somma ta` €815.28 rapprezentanti import ta` cekk mahrug mill-istess konvenuta, liema cekk baqa` ma giex onorat.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra ufficcjali li ggib in-numru 4044/07 li giet prezentata ai termini ta` l-artikolu 168 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta u bl-imghax mit-13 ta` Novembru, 2006 li hija d-data tac-cekk in kwistjoni u dana bi spejjez kontra l-konvenuta li hija minn issa ngunta in subizzjoni.

Ra li l-konvenuta ghalkemm legalment notifikata ma pprezentat ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici.

Gie notat ukoll illi l-konvenuta ghalkemm imsejjha diversi drabi ghas-seduta ta` llum hija baqghet ma dehritx.

Innota wkoll illi l-konvenuta lanqas ma dehret fis-seduta precedenti ta` l-20 ta` Marzu, 2009.

Sema` x-xhieda ta` l-Avukatessa Dr. Karen Farrugia li bil-gurament taghha kkonfermat li l-ammont kien ghadu dovut sa l-gurnata ta` llum peress illi ma saru ebda pagamenti mill-konvenuta biex ikopru l-valur tac-cekk minnha mahrug li ma kienx gie onorat.

Meta regghet issejhet il-konvenuta, din regghet ma dehritx.

Sema` t-talba ta` Dr. Karen Farrugia li talbet li l-kawza kellha tmur ghas-sentenza.

It-Tribunal laqa` din it-talba u ppospona l-istess kawza biex is-sentenza tinghata aktar tard fl-istess jum.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa` t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lil konvenuta sabiex thallas lil atturi s-somma mitluba ta` €815.28, bl-imghaxijiet legali dekorribbli kif mitluba mit-13 ta` Novembru, 2006 u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza a karigu ta` l-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------